# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 3**
**Appell Nru : 118/2001**

**IL-PULIZIJA ( Spettur Sandro Zarb)**

**Vs**

**FATIHA KHALLOUF**

**Illum, 25 ta' Settembru, 2001**

Il-Qorti:

Rat il-Mandat Ta' Arrest Provvizorju, mahrug mill-Magistart Dott. Giovanni Grixti in forza ta' l-artikolu 14 (1)(b) tal-Kap. 276, fis-6 t'April, 2001, fil- konfront ta' **Fatiha Khallouf** ( hawn aktar 'l quddiem imsejjha 'l-appellanti').

Rat ir-rapport ( datat 12 t'April, 2001 ) ta' l-Ufficjal tal- Pulizija Spettur Sandro Zarb li permezz tieghu pprezenta taht arrest lill-appellanti Fatiha Khallouf quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti.

Rat l-Awtorita' Ghall-Procediment mahruga mill-Ministru responsabli ghall-Gustizzja skond l-Artikolu 13 ta' l-imsemmi Kap. 276, datata 20 ta' April, 2001, li permezz taghha, wara li ppremetta li l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja, pajjiz barrani ai finijiet ta' L-Artikolu 7 ta' l-Att XVIII tal-1978 dwar l-Estradizzjoni, ghamel talba biex titregga lura f'dak il-pajjiz Fatiha Khallouf peress li din kienet tinsab akkuzata b'reati kontinwati kontra l-ligijiet dwar l-immigrazzjoni klandestina, kif indikati mill-partiti 1 u 2 fl-iskeda markata bl-ittra X u annessa ma' l-istess imsemmi Att, u ghalhekk ordna, bis-setgha moghtija lilu bl-Artikolu 13, li jittiehdu proceduri kontra l-imsemmija Fatiha Khallouf kif hemm provdut f'dan l-Att.

Rat ukoll l-Awtorita' Ghall-Procediment **Aggjuntiva** mahruga mill-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali, datata 21 ta' Awwissu, 2001, ai termini ta' l-Artikolu 13 ta' l-Att Dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276), prezentata b'Nota ta' l-Avukat Generali tat-22 ta' Awissu, 2001, li permezz taghha, wara li ppremetta li l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja, pajjiz barrani specifikat ghall-finijiet ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 276, kien ghamel talba biex Fatiha Khallouf titregga lura f'dak il-pajjiz peress li tinsab akkuzata fuq komplicita' f'reati kontinwati kontra l-ligijiet dwar l-immigrazzjoni klandestina, kif jidher mill-partiti 1 u 2 fl-iskeda annessa ma' din l-Awtorita' Ghall-Procediment, markata "X" **( Dok B)**, ukoll datata 21 ta' Awissu, 2001, ordna ghalhekk bis-setghat moghtija lilu bl-Artikolu 13 tal-Kap. 276, li jsir dwar Fatiha Khallouf kif hemm provdut fl-imsemmi Att dwar L-Estradizzjoni (Kap.276).

Rat ir-risposta ta' Fatiha Khallouf datata 24 ta' Awissu, 2001, ghan-Nota ta' L-Avukat Generali tat-22 ta' Awissu, 2001, li biha talbet li l-imsemmija Nota ta' l-Avukat Generali, flimkien ma' l-Awtorita' Ghall-Procediment Aggjuntiva tal-Ministru tal- Gustizzja w Gvern Lokali, ma jigux ammessi bhala prova valida f'dawn il-proceduri gja' la darba dawn jinsabu fl-istadju finali taghhom, differiti ghad-decizjoni ta din il-Qorti. Effettivament jew essenzjalment, dak li qed tghid l-appellanti Fatiha Khallouf hawnhekk hu li din hi prova inammessibli w nulla.

Semghet liz-zewg nahat jitrattaw fuq din in-nota ta' l-Avukat Generali dwar l-ammessibilita' o meno f'dan l-istadju tal-proceduri ta' l-Awtorita' Ghall-Procediment Aggjuntiva mahruga mill-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali tat-21 ta'Awwissu, 2001, u dan waqt is-seduta tat- 3 ta' Settembru, 2001.

Rat l-akkuzi dedotti kontra Fatiha Khallouf mill-awtoritajiet Taljani datati 3 ta' Frar, 2001, kif emendati fis-6 ta' Marzu, 2001, li sostanzjament huma s-segwenti, u cioe':

1. Assoccjazzjoni bl-iskop li hi tikkometti jew kkommettiet atti illegali permezz ta' dhul illegali ta' klandestini fl-Italja bi vjolazjoni ta' l-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan u l-Artikolu 12 tad-Digriet ta' Ligi numru 286 tal- 25 ta' Lulju, 1998, kif sussegwentement emendat, liema reati gew kommessi minnha f'xi zmien sad-data tal-hrug ta' L-akkuzi ( fol 9); u
2. Responsabilita' ghad-dhul illegali ta' klandestini fl-Italja, f'Donnalucata fl-10 u 14 ta' Novembru, 2000, bi ksur ta' L-Artikolu 110 u 12 tad-Digriet ta' Ligi numru 286 tal-25 ta' Lulju, 1998 (fol 10).

Rat id-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tal-11 ta' Gunju, 2001, li biha ddecidiet li Fatiha Khallouf tigi mibghuta taht Kustodja biex titregga' lura l-Italja, salv id-diskrezzjoni ta' l-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali skond l-Artikolu 21 tal-Kap. 276, u dan peress li dehrilha tali ordni tista' tinghata b'riferenza biss ghat-tieni akkuza dedotta kontriha, filwaqt li dwar l-ewwel akkuza rriteniet li r-reat taht din l-akkuza mhux reat taht is-sistema penali taghna u lanqas ma jezisti fil-ligi taghna xi reat li huwa sostanzjalment ta' l-istess natura jew xorta, u ghalhekk, dehrilha li dak ir-reat taht l-ewwel akkuza mhux wiehed ta' estradizzjoni.

Rat ir-rikors t'appell ta' Fatiha Khallouf datat 15 ta' Gunju, 2001 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti <u>"sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li ddikjarat li l-ewwel akkuza ma tikkwalifikax bhala reat ta' estradizzjoni, tirriforma</u>

s-sentenza appellata in kwantu ddecidiet li hi tigi mibghuta taht kustodja biex titregga' lura l-Italja ghar-rigward tar-reat li kienet responsabbli ghad-dhul illegali ta' klandestini fl-Italja, f'Donnalucata, Ragusa, fit-12 ta' Settembru, 2000, u f'Marina di Ragusa fis-17 ta' Dicembru, 2000, u filwaqt li tordna r-revoka ta' l-ordni li permezz tieghu hi giet mibghuta taht kustodja biex titregga' lura l-Italja, tordna wkoll il-helsien taghha."

Rat l-Atti kollha tal-kawza, inkluzi d-desposizzjonijiet, id-dokumenti moghtija w esebiti.

Semghet lill-Avukat Anthony Ellul ghall-appellanti Fatiha Khallouf u lill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-Avukat Generali.

Accertat ruha dwar:

a. l-identita' tal-persuna appellanti quddiemha, Fatiha Khallouf;
b. il-prova tat-talba bil-miktub tal-pajjiz barrani, cioe', l-Italja li hu pajjiz skedat, u ghalhekk, hu "pajjiz barrani" ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Kap 276;
c. l-Awtorita' Ghall-Procediment tal-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali biex jittiehdu dawn il-proceduri kontra l-imsemmija Fatiha Khallouf;
d. il-Mandat barrani awtorizzanti l-arrest tal-persuna koncernata f'dawn il-proceduri, Fatiha Khallouf;
e. id-dettalji dwar fatti w ligijiet kostitwentii l-bazi ta' l-akkuzi, ukoll ir-reat jew reati in meritu w l-evidenza permezz ta' liema kien inhareg il-Mandat ta' Arrest Provizorju, u sussegwentement, l-Awtorita' Ghall-Procediment tal-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali.

Ikkonstatat li dawn ir-rekwiziti preliminari kollha jirrizultaw sodisfatti mill-aspett procedurali skond il-ligi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi qabel din il-Qorti tghaddi sabiex tikkunsidra dan l-appell fil-meritu in bazi ta' l-aggravji kollha sollevati mill-appelanti Fatiha Khallouf, tixtieq taghmel xi kjarifikazzjoni ghal dak li jirrigwarda id-dokument B li hu l-Awtorita' Ghall-Procediment **Aggjuntiva** tal-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali tal-21 ta' Awissu, 2001, li l-ammessibilita' tieghu bhala prova valida qed tigi kontestata mill-appellanti.

Kif intqal qabel, l-appellanti Fatiha Khallouf tikkontendi li l-Avukat Generali ma setghax jippresenta dan id-dokument bhala prova f'dan l-istadju meta dawn il-proceduri jnsabu differiti ghad-decizjoni ta' din il-Qorti. Tissottometti, ghalhekk, li din il-prova permezz ta' dan id-dokument hija wahda inammessibli w nulla.

Minn naha tieghu, l-Avukat Generali jghid li dan id-dokument (Dok B), u konsegwentement kull prova li tali dokument jista' juri, huma ammessibli u validi in forza ta' dak li jiddisponi s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 276.

Dan id-dispost invokat mill-Avukat Generali jghid hekk testwalment:

> "Il-Kummissarju tal-Pulizija, jew l-Avukat Generali, skond il-kaz, ikun jista', kif ukoll tkun tista' l-persuna li t-treggigh lura taghha ikun qed jigi mitlub, jippoduci provi quddiem il-Qorti ta l-Appell Kriminali wkoll jekk dawk il-provi ma jkunux ingiebu quddiem il-Qorti Rimandanti."

**IKKUNSIDRAT:**

In linea preliminari, ghandu jigi mfakkar li ma hemm ebda kontestazzjoni li proceduri ta' estradizzjoni, cioe' dawk il-proceduri li jibdew quddiem il-Qorti Rimandanti f'Malta w li jistghu jitkomplew quddiem din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ( bhal ma qed jigri precizament fil-kaz prezenti) ma humiex proceduri normali fejn persuna tigi **akkuzata jew imputata** b'xi reat. F'proceduri ta' din ix-xorta, persuna ma titressaqx quddiem il-Qrati Maltin biex tigi gudikata minnhom dwar xi reat li tkun allegatament ghamlet f'pajjiz barrani. Fil-proceduri ta' estradizzjoni ma hemmx dik li tissejjah **"a criminal charge which has to be determined"**. Dawn il-proceduri jservu biss biex jigi deciz jekk hemmx il-presupposti fattwali skond il-ligi, inkluza l-Kostituzzjoni (Art. 43), biex talba ta' pajjiz barrani ghat-treggigh lura ta' persuna lejn dak il-pajjiz tintlaqa'. Fil-fatt, ta' min ifakkar ukoll li tali Ordni Ghat-Treggigh lura ma tinharegx fuq ordni tal-Qorti Maltija, izda tinhareg biss mill-Ministru responsabli ghall-Gustizzja fid-diskrezzjoni moghtija lilu mill-Artikolu 21 tal-Kap. 276. Il-Qorti, sija jekk hi Rimandanti, kif ukoll jekk hi din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, kull ma tasal li taghmel hu li jekk tara, mill-provi li tkun ezaminat, fuq bazi ta' *prima facie* hemm probabilita' ta' htija, hi tordna li l-persuna rikjesta mill-pajjiz barrani tintbghat biex titpogga taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura taghha lejn dak il-pajjiz, fejn, allura, dik il-persuna tigi formalment investigata jew akkuzata b'reat u processata.

Hu proprju ghalhekk, mela, li proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati Maltin huma proceduri '*sui generis'*, regolati *b'ligi specjali*, cioe' l-Att Dwar l-Estradizzjoni (Kap.276). Il-Qorti Rimandanti, li quddiemha jinbdew dawn il-proceduri, hi moghtija l-istess setghat, **safejn jista' jkun**, tal-Qorti tal-Kumpilazzjoni. Pero', b'dana kollu, il-Qorti Rimandanti ma tikkonduciex istruttorja kif jipprovdi l-Kodici Kriminali, izda ghandha funzjoni w kompitu specjali lilha moghtija mill-imsemmi Kap.276. Per ezempju, kuntrarjament ghal dak li jigri fil-Qorti Istruttorja meta din tiddeciedi jekk imputat ghandux, jew le, jitpogga taht Att ta' Akkuza, fil-kaz ta' decizjoni tal-Qorti Rimandanti fuq bazi tal-prima facie hemm

dritt t'appell minn tali decizjoni lil din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali moghti ugwalment kemm lill-persuna rikjesta kif ukoll lill-Avukat Generali. Dan juri il-mod li bih jigu trattati proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qorti Rimandanti, kif ukoll quddiem din il-Qorti, huwa ghall-kollox differenti minn kif huma trattati proceduri quddiem Qorti Istruttorja fejn persuna tigi akkuzata jew imputata.

Tenut kont ta' dak kollu li ntqal sa issa, din id-differenza msemmija temergi wkoll minn dak li jiddisponi s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 276, gja' qabel kwotat, fejn hija cara d-differenza hawnhekk taht dan il-Kap. ghall dak li jirrigwarda id-dritt li jingiebu provi w meta, minn dak li jipprovdi l-Artikolu 424 tal-Kodici Kriminali.

Bla dubju ta' xejn, din hi disposizzjoni ferm cara li ma taghti lok ghall-ebda interpretazzjoni. Huwa rrilevanti jekk il-parti li tressaq dawn il-provi kienetx taf bihom jew le meta l-proceduri kienu ghadhom quddiem il-Qorti Rimandanti, jew jekk setghetx jew le tressaqhom quddiem dik il-Qorti. Il-posizzjoni hi li kull parti fi proceduri ta' estradizzjoni tista' tressaq dawn il-provi f'kull waqt jew stadju ta' dawk il-proceduri, bil-parti l-ohra, ovvjament tinghata l-opportunita' li tikkombattihom bil-mezzi legali disponibbli ghaliha. L-Att Dwar l-Estradizzjoni ma jimponi ebda limitazzjonijiet jew restrizzjonijiet dwar dan.

Mela, in vista ta' dan kollu, ghalhekk, dwar l-ammessibilita' o meno tal-prova dokumentarja li ressaq l-Avukat Generali (Bok B), din il-Qorti ma ssib ebda rregolarita' f'dan, fis-sens li l-Avukat Generali huwa kopert b'dak li jghid l-imsemmi subartikolu (3) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 276. B'dana kollu, il-Qorti tixtieq tirrileva, pero', li gja' la darba dawn il-proceduri kienu waslu fl-istadju finali taghhom u kienu differiti ghad-decizjoni taghha, forsi kien ikun aktar ghaqli jew desiderabbli kieku l-Avukat Generali, qabel ma qabad u pprezenta n-Nota tieghu fuq imsemmija li biha annetta w esebixxa l-Awtorita' Ghall-Procediment Aggjuntiva tal-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali tal- 21 ta' Awissu, 2001 (DokB), ippresenta rikors quddiem din il-Qorti fejn talabha l-awtorizzazzjoni

taghha sabiex jesebbixxi dik il-prova dokumentarja, liema talba kienet tigi deciza wara tali rikors ikun gie trattat quddiemha miz-zewg nahat. B'dana kollu, izda, minkejja dan in-nuqqas ta' L-Avukat Generali, dan bla ebda mod ma jaffetwa l-ammessibilita' bhala prova valida ta' dan id-dokument. Sta ghal din il-Qorti biex tara jekk tali prova hiex rilevanti jew le ghal dak li huwa l-meritu ta' dan l-appell li issa sejra tikkunsidra.

**IKKUNSIDRAT**:

Fatiha Khallouf qed tappella mid-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tal-11 ta' Gunju, 2001, ghal dak li jirrigwarda biss it-tieni akkuza fuq imsemmija, u cioe', id-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti li hi ghandha titpogga taht Ordni ta' Kustodja ghall-fini tat-treggigh taghha lura lejn l-Italja fuq l-akkuza li kienet responsabbli ghad-dhul illegali ta' klandestini fl-Italja, f'Donnalucata (RG) fit-12 ta' Settembru, 2000,u f'Marina di Ragusa fis-17 ta' Dicembru, 2000, bi ksur ta' l-Artikolu 12 tad-Dir. No: 286 tal-25 ta' Lulju, 1998, kif emendat.

Illi l-aggravji ta' l-appellanti Fatiha Khallouf huma s-segwenti, li qed jigu riprodotti sostanzjalment hawnhekk:

1. Illi preliminarjament dawn il-proceduri qatt ma kellhom jittiehdu fil-konfront taghha. L-Att ta' Estradizzjoni ( Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta) japplika ghall- "***kriminali mahruba***".
2. Kuntrarjament ghal dak li qalghet il-Qorti Rimandanti, il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tifforma parti mill-korp legislattiv Malti, liema Konvenzjoni, ghalhekk, hi arrangjament ezistenti bejn Malta w l-Italja f'materji ta' estradizzjoni u ghandhom japplikaw il-provvedimenti ta' din il-Konvenzjoni.
3. Illi skond l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar L-Estradizzjoni, ir-reat li bih persuna tkun akkuzata, u li ghar-rigward tieghu tkun saret talba ghat-

treggigh lura lejn il-pajjiz esteru li qed jitlob l-estradizzjoni tieghu, irid igorr mieghu prigunerija ta’ mhux anqas minn sena kemm fil-pajjiz esteru li qed jitlob l-estradizzjoni, kif ukoll f’Malta li hija l-pajjiz mitlub li jestradixxi. Issa r-reat kontemplat fl-Artikolu 32 ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta) huwa soggett biss ghall-piena ta’ sitt xhur prigunerija. Ghalhekk il-Qorti Rimandanti qatt ma setghet tordna l-hrug ta’ ordni ghall-kustodja ghat-treggigh lura ta’ l-appellanti lejn l-Italja minhabba din id-differenza fil-piena kif rikjest mill-imsemmi Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea.

4. Illi dwar il-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni, l-appellanti tikkontesta l-valur probatorju tat-traskrizzjoni ta’ konversazzjonijiet li saru permezz tat-telefon.

5. Illi l-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma jistghu jwasslu ghall-konvinciment li l-appellanti kienet responsabbli ghall-attivita’ kriminali allegata fit-tieni akkuza, cioe’ ghad-dhul illegali ta’ klandestini fl-Italja (**a**)f’Donnalucata, Ragusa, fit- 12 ta’ Settembru, 2000, u (**b**) f’Marina di Ragusa fis- 17 ta’ Dicembru, 2000. Dan ghaliex filwaqt li l-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li mill-indagini li ghamlu, l-appellanti Fatiha Khallouf kienet responsabbli ghad-dhul illegali ta’ immigranti fl-10 u fl- 14 ta’ Novembru, 2000, id-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tirreferi ghal dati differenti, cioe’ ghat-12 ta’ Settembru, 2000, u ghas- 17 ta’ Dicembru, 2000, liema dati huma wkoll moghtija mill-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali fl-Awtorita’ ghall-Procediment ta’ l-20 ta’ April, 2001.

**IKKUNSIDRAT**:

Illi l-fatti, fil-qosor, kienu li fit-23 ta’ Marzu, 2001, il-Gvern Taljan kien talab l-estradizzjoni ta’ l-appellanti in konnessjoni ma’ immigrazzjoni llegali ta’ klandestini minn Malta ghall- Italja, precizament fi Sqallija, f’diversi okkazzjonijiet, certament matul is-sena 2000. Skond l-awtoritajiet Taljani, kien jirrizulta li certu

Raymond Gauci w Anthony Bartolo kienu involuti f'tali attivita' w specifilament fid-dhul illegali ta' klandestini fl-Italja fiz-zminijiet imsemmija fl-akkuzi. Gie allegat li Anthony Bartolo kien jiltaqa' mal-klandestini w jaghtihom akkomodazzjoni biex wara jehodhom fir-restaurant ta' Raymond Gauci, it-"Tuck Inn Bar & Restaurant', f'San Pawl il-Bahar, li kien il-'meeting point' fejn issir din l-attivita', u wara jittiehdu Sqallija bil-powerboat ta' l-istess Raymond Gauci. Gie allegat li l-appellanti Fatiha Khallouf kienet tghin f'din l-attivita' billi tiehu hsieb il-kuntatti telefonici w tghamel ghassa ghall-pulizija.

**IKKUNSIDRAT**:

**Dwar l-Ewwel Aggravju:**

Fil-fehma ta' l-appellanti, dawn il-proceduri ta' estradizzjoni kontriha qatt ma setghu jittiehdu hawn Malta ghaliex hi ma tikklassifikax bhala "**kriminali mahruba"** ai termini ta' l-Artikolu 8 (1)(a) tal-kap. 276, li hu l-Att Dwar l-Estradizzjoni.

Dan l-Artikolu 8 (1)(a) tal-Kap.276 jghid hekk testwalment:

> *"(1) Ghall finijiet ta' dan l-Att, reat li bih persuna tkun akkuzata jew kienet misjuba hatja f'pajjiz barrani specifikat ikun reat ta' estradizzjoni dwar dak il-pajjiz jekk---*
>
> *(a) ikun reat li dwaru kriminali mahrub (sottolinear tal-Qorti) jista' jitregga' lura ghal dak il-pajjiz skond l-arrangjament….*
>
> *…..eccetra".*

Issa, skond id-definizzjoni ta' "**Kriminal mahrub**", kif moghtija fl-Artikolu 2 tal-Kap.276, tali kliem jinkludi persuna li tkun akkuzata b'xi reat ta' estradizzjoni ta' xi pajjiz li ma jkunx Malta, liema persuna tkun qedha, jew suspettata li tkun qedha,

hawn Malta, kif fil-fatt, ghalhekk, hija l-posizzjoni ta' l-appellanti Fatiha Khallouf fil-fehma ta' l-awtoritajiet Taljani.

F'dan l-istadju, apparti l-kwistjoni, ghall-mument, jekk ir reat imsemmi fl-ewwel akkuza, dak ta' "*associazione a delinquere'*, hux reat ta' estradizzjoni jew le, fil-fehma ta' l-appelanti hi ma taqax taht din id-definizzjoni ta' "**kriminal mahrub**" l-ghaliex, ghalkemm hi tinsab akkuzata b'attivita' illegali konnessa mad-dhul ta' klandestini gewwa Sqallija, hi fil-fatt qatt ma kienet fizikament prezenti f'dak il-post, u, ghalhekk, qatt ma ghamlet xi reat fil-gurisdizzjoni Taljana. Fi ftit kliem, mela, l-appellanti qed tikkontesta l-gurisdizzoni Taljana fuqha.

Barra minn hekk, dejjem bhala kontestazzjoni tal-gurisdizzjoni Taljana fuqha, fit-trattazjoni verbali ta' dan l-appell quddiem il-Qorti, l-avukat difensur ta' l-appellanti ssottometta wkoll li fi kwalunkwe kaz ma hemm ebda prova li xi reat addebitat lill-appellanti qatt gie kunsmat gewwa il-gurisdizzjoni Taljana. Id-difiza, ghalhekk, b'dan l-ewwel aggravju taghha, qed tirrezisti l-estradizzjoni ta' l-appellanti billi tissottometti li l-Qorti jew sistema penali Taljana m'ghandhiex gurisdizzjoni f'dan il-kaz fuq l-appellanti, liema gurisdizzjoni, se mai, tezisti biss fit-Tribunali Maltin.

Issa jirrizulta mill-atti li bhala fatt ebda azzjoni ma ttiehdet mill-awtoritajiet Maltin kontra l-appellanti fuq dan il-kaz in ezami. Anzi l-Ispettur Zarb jghid li mill-investigazzjoni li kien lahaq ghamel dwar dan il-kaz, wara li gie infurmat bih mill-awtoritajiet Taljani, kien dehrlu li ma kienx hemm materjal bizzejjed sabiex jiehu passi kontra Fatiha Khallouf f'Malta dwar dan l-istess incident li fuqu l-awtoritajiet Taljani qed jitolbu l-estradizzjoni taghha lejn Sqallija. Fil-fatt lanqas ma hu l-kompitu ta' xi Qorti Maltija li tordna li jittiehdu tali passi ghaliex skond il-ligi l-azzjoni kriminali tmiss lill-Gvern u titmexxa bil-mezz tal-Pulizija Esekuttiva jew ta' l-Avukat Generali skond kif ikun il-kaz.

Illi ma hemm ebda dubju li l-awtoritajiet Taljani ghandhom interess kbir f'dan il-kaz ghaliex l-allegat reat ta' l-appellanti jolqot l-aktar lill-Italja w ghalhekk saret din it-talba ghall-estradizzjoni taghha. Jidher ukoll illi l-Italja huwa il-"forum conveniens" peress li, skond kif jghid J.G. Starke, 5th Edition, page 292, fil- ktieb tieghu "Introduction to International Law" : *" The State on whose territory the crime has been committed is best able to try the offender because the evidence is more freely available there, and that State has the greatest interest in the punishment of the offender and the greatest facilities for ascertaining the truth".*

U dan il-punt proprju jidher aktar car u manifest in vista tax-xhieda li ta l-Ispettur Zarb, fejn qal li mill-indagini li lahaq ghamel dwar dan il-kaz, dwar l-incidenti msemmija mill-awtoritajiet Taljani, u wara li kien mgharraf bihom bit-talba ta' l-awtoritajiet Taljani, dehrlu li f'Malta ma kellux evidenza bizzejjed biex jmexxi hawnhekk kontra l-appellanti. Dan l-ghaliex, kif jirrizulta mill-atti, l-ahjar evidenza kienet ilha tingabar ghall-xhur shah mill-awtoritajiet Taljani li kellhom kull interess li jkissru din l-attivita' illegali ta' dhul ta' klandestini fl-Italja. Ta' min ifakkar hawnhekk li hu ben saput li l-Italja hi wahda mill-pajjizi l-aktar milqutha b'reati ta' din ix-xorti. Dan hu fenomenu piuttost ricenti li qed jinteressa sewwa l-kuxjenza guridika internazzjonali li tinsab ferm perturbata b'reati simili ghal dawk addebitati lill-appellanti. Dawn huma fost dawk ir-reati li l-aktar qed jigu mwettqa illum minn gruppi kriminali organizzati ferm tajjeb, anke fuq skala internazzjonali, b' kuntatti imxerrda ma' diversi pajjizi jahdmu ghall-istess skop.

Skond l-akkuzi mahruga mill-awtoritajiet Taljani kontra l-appellanti, dan mhux xi reat li origina w twettaq f'Malta biss, u, allura, f'dak il-kaz l-appellanti kien ikollha ragun tikkontesta l-gurisdizzjoni Taljana. Dan hu reat fejn allegatament kienu involuti mill-anqas il-Marokk, Malta w l-Italja f'hidma kontinwa w organizzata tajjeb hafna sabiex jiddahlu fl-Italja dawn il-klandestini, kif, skond l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, effettivament kienu dahlu f'aktar minn okkazzjoni wahda matul is-sena 2000. Huma reati li, skond l-awtoritajiet Taljani, ghalkemm originaw barra mill-italja, pero', gew kunsmati fl-Italja ghaliex fil-fatt kienu ddahlu dawn il-

klandestini f'dak il-pajjiz. Bla dubju ta' xejn dan hu reat, ta' natura w xejra internazzjonali, kontra l-ligijiet Taljani w ghalhekk l-awtoritajiet Taljani ghandhom kull dritt u interess li jipprocedu kontra kull min, b'xi mod, jidhrilhom li kien involut fid-dhul tal-klandestini fl-Italja, jinsab fejn jinsab. Barra minn hekk mhux il-kompitu tal-Qrati Maltin li jiddeciedu jekk dawn ir-reati gewx imwettqa jew kunsmati fl-Italja jew le. L-evidenza, ghall-inqas fuq bazi ta prima facie, turi, kif intqal, li hu minnu li dawn il-klandestini kienu tnizzlu l-Italja, precizament gewwa Sqallija, f'aktar minn okkazzjoni wahda matul is-sena 2000.

L-argument ta' l-appellanti li gja' la darba hi ma kienetx l-Italja meta saru dawn ir-reati, allura, ma taqax taht il-gurisdizzjoni Taljana, hu argument legalment zbaljat. Effettivament jezistu hafna kazijiet, specjalment meta si tratta ta' proceduri ta' estradizzjoni, fejn xi hadd involut fir-reat, jista' jkun il-komplici, per ezempju, ma jkunx fizikament prezenti fil-pajjiz fil-mument li jsir ir-reat. Xorta, pero', legalment huwa responsabbli bhala komplici u xorta jista' jitregga lura ghal dak il-pajjiz fejn sar ir-reat biex jigi processat hemmhekk. Effettivament ukoll, skond l-akkuza dedotta kontra l-appellanti, dejjem fuq bazi ta' prima facie, il-provi juru li kienet komplici f'dak ir-reat. Is-sehem taghha hu ben deskritt fid-deskrizzjoni tal-fatti allegati, minnfejn jidher li hi tinkwadra ruhha fl-elementi necessarji sabiex jirrendu persuna komplici. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, ghalhekk, dan l-ewwel aggravju huwa respint.

**<u>Dwar it-Tieni Aggravju:</u>**

Hawnhekk l-appellanti qed tghid li l-Qorti Rimandanti kienet zbaljata meta qalghet li l-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni ma tapplikax ghaliex ma tifformax parti mill-korp legislattiv ta' Malta.

L-argument ta' l-appellanti hu li din il-Konvenzjoni tapplika w li l-Qorti Rimandanti kellha timxi skond kif din tipprovdi. Hi tghid li jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss, din il-Konvenzjoni ma tapplikax, fis-sens li l-Qorti Rimandanti kellha ragun

tghid hekk, allura t-talba ghall-estradizzjoni taghha lejn l-Italja kellha tigi regolata w deciza skond dak li jiddisponi l-Artikolu 8 (1)(a) tal-Kap. 276 fuq indikat li jghid li kriminal mahrub jista' jitregga lura ghal dak il-pajjiz skond **<u>l-arrangjament</u>**…eccetra., filwaqt li fl-istess hin ma ngabet ebda prova dwar x'arrangjament, jekk hemm, jezisti bejn Malta w l-Italja, fil-mankanza tal-Konvenzjoni Ewropea imsemmija. L-appellanti tirreferi ghax-xhieda moghtija minn Eric Cachia, ufficcjal mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin Malti, fejn dan b'mod l-aktar car qal li f'Malta kwistjonijiet ta' estradizzjoni huma regolati b'din il-Konvenzjoni Ewropea u ma hemm ebda arrangjament iehor bejn Malta w l-Italja.

Hu proprju ghalhekk li, skond l-appellanti, il-Qorti Rimandanti kienet zbaljata, ghaliex jekk, kif qalghet hi, il-Konvenzjoni Ewropea ma tapplikax fil-kaz in ezami, allura fin-nuqqas jew assenza ta' xi arrangjament iehor bejn l-italja w Malta fuq kwistjonijiet ta' estradizzjoni, dik il-Qorti ma setghetx tilqa' t-talba ta' l-awtoritajiet Taljani biex l-appellanti titregga' lura lejn dak il-pajjiz.

L-appellanti ghandha ragun f'dan l-aggravju taghha, izda parzjalment biss. Ghandha ragun tghid li l-Qorti Rimandanti kienet zbaljata meta eskludiet l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni, u din il-Qorti, hawnhekk, sejra tillimita ruhha fuq din il-materja biss.

Il-Qorti Rimandanti bazikament irriteniet li l-Qrati Maltin ma jistghux jiehdu konjizzjoni tal-European Convention on Extradition peress li dan it-trattat ma giex inkorporat fil-ligi Maltija skond kif provdut bl-Att Dwar ir-Ratifika ta' Trattati (Kap. 304), u, senjatament skond l-Artikolu 3 (3) ta' dan l-Att (fol 82). Il-Qorti Rimandanti ma qalghet xejn aktar minn hekk. Din il-Qorti tara li fil-fehma tal-Qorti Rimandanti dan kien hekk ghaliex dik il-Konvenzjoni ma gietx ratifikata ai termini tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 304.

Issa dan il-Kap. 304 jghid li **certi tratti, u <u>allura mhux kull trattat</u> (sottolinear tal-Qorti sabiex issir enfasi fuq dak li qed tghid),** m'ghandhomx jibdew isehhu

dwar Malta kemm il-darba dawn ma jkunux gew ratifikati, jew ir-ratifika taghhom ma tkunx giet awtorizzata jew approvata ai termini tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 3 ta' dan il-Kap. Dawn ic-certi trattati, li jirrikjedu ratifika b'dan il-mod, huma biss dawk it-trattati li ssir riferenza ghalihom f'dan is-subartikolu (1) ta' dan l-Artikolu 3 u li, ghalhekk, sabiex jorbtu lill-Malta fuq livell internazzjonali ghandhom jigu ratifikati bil-fors bil-mod u kif jistipula s-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu 3.

L-Artikolu 5 tal-Kap. 304 imbaghad jghid car u tond li ebda haga fl-Att Dwar ir-Ratifika ta' Trattati ma ghandha tinftiehem li b'xi mod tolqot is-setghat tal-Gvern dwar trattati li ghalihom ma japplikawx l-imsemmija subartikolu (1) u (2) ta' l-Artikolu 3 ta' l-istess Att.

Issa ma hemm ebda dubju li l-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni mhiex trattat li jaqa' fost dawk **ic-certi trattati** li jitkellem dwarhom is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 3, u dan peress li (1) la hu trattat li jolqot jew ghandu x'jaqsam ma' l-istatus ta' Malta fid-dritt internazzjonali jew it-tizmim jew l-appogg ghal dak l-istatus (para a), (2) la hu trattat li jolqot jew ghandu x'jaqsam mas-sigurta' ta' Malta, is-sovranita', l-indipendenza, l-unita' jew l-integrita' internazzjonali taghha (para b), u (3) lanqas ma hu trattat li jolqot jew ghandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet ta' Malta ma' organizzazzjoni, agenzija, assocjazzjoni jew korp iehor simili multinazzjonali (para c). Hu propju ghalhekk, mela, li s-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 304 ma japplikax ghal dik li hi r-ratifika tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni.

Issa fil-kaz tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni, il-firma u/jew ratifika mehtiega biex Malta tkun marbuta fuq livell internazzjonali hi dik il-firma u/jew ratifika li hi parti mill-prerogattiva ta' l-ezekuttiv li jinnegozzja, jiffirma w jirratifika trattati, u dan in bazi ta' dak li jghid l-Artikolu 5 tal-Kap. 304.

Fil-kaz odjern, jirrizulta mix-xhieda tal-fuq imsemmi Eric Cachia moghtija fl-4 ta'Gunju, 2001 (fol 73), li bejn Malta w l-Italja ma jezistux trattati jew

arrangjamenti dwar estradizzjoni u l-kwistjonijiet ta' estradizzjoni huma regolati mill-Konvenzjoni Ewropea msemmija tat-13 ta' Dicembru, 1957 li kienet adottata f'Malta tramite l-Avviz Legali 131/1996. Fil-fatt, Malta kienet iffirmat u rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni fl-14 ta' Marzu, 1996. Ghalhekk ma hemm assolutament ebda dubju li Malta hija marbuta fuq livell internazzjonali b'din l-imsemmija Konvenzjoni, u li din il-Konvenzjoni hi "**arrangjament**" fis-sens ta' l-Artikolu 2 (1) ta' l-Att Dwar l-Estradizzjoni, il-Kap. 276. Jigi rilevat ukoll, f'dan il-kuntest, li anke l-awtoritajiet Taljani, fit-talba li ghamlu lill-Malta sabiex tregga' lura lill-appellanti fl-Italja u jibdew hawnhekk proceduri ghall-estradizzjni taghha, jirreferu ghal din il-Konvenzjoni u jghidu li qed jaghmlu t-talba taghhom lill-Malta in bazi ta' din il-Konvenzjoni. Dan kollu juri, mela, li hi din il-Konvenzjoni li tirregola dawn il-materji ta' estradizzjoni bejn l-Italja u Malta.

Apparti dak kollu li gie rilevat sa issa fuq dan il-punt, trattat bhal dan, cioe', il Konvenzjoni Ewropea, wahdu, ghalkemm iffirmat u ratifikat, m'ghandux il-forza ta' ligi fis-sistema legali taghna, fis-sens li Qorti Maltija hi prekluza li tiehu konjizzjoni direttament ta' trattati internazzjonali wahedhom 'ut sic', jekk mhux bis-sahha ta', u in forza ta' ligi domestika, dan kif gie stabilit minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tas-17 ta' Ottubru, 1997, fl-ismijiet "*The Police-vs-Dragan Stankovic*" .

Issa fil-kaz ta' Malta huwa l-imsemmi Kap.276, l-Att Dwar l-Estradizzjoni, li hu l-ligi domestika li bis-sahha taghha u tahtha l-Qrati Maltin jistghu jiehdu konjizzjoni ta' trattat ta' estradizzjoni. Hu proprju ghalhekk li tali trattat jista' jigi meqjus u kkunsidrat ghall-finijiet tal-ligi domestika w mill-Qrati taghna jew (**1**) billi jigi direttament inkorporat kompletament jew in parte f'xi Att permezz ta' ligi principali, bhal ma hi, per ezempju l-Konvenzjoni Ewropea Dwar Id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, jew (**2**) billi ssir riferenza ghalih permezz ta' legislazzjoni sussidjarja, maghmulha taht l-awtorita' ta' ligi principali, bhal ma huwa l-Ordni tal-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja li jispecifika pajjiz barrani

skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 276. Dan il-metodu ta' l-ahhar hu pjenament konformi ma' dak mitlub mis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 304.

Ghar-rigward il-kaz in ezami, b'riferenza ghall-arrangjament bejn Malta w l-Italja, hemm l-Ordni tal-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja tal-1996 dwar l-Estradizzjoni (Pajjizi Barranin Specifikati) {Nru.2}, pubblikat permezz ta' l-Avviz Legali 131 tal-1996, fejn jaghmel riferenza ghall-pubblikazzjoni tal-pattijiet ta' l-arrangjamenti fil-Gazzetta tal-Gvern, u ghalhekk jissodisfa r-rekwizit tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 276.

Minn dan kollu, ghalhekk, isegwi li l-Qorti Rimandanti ma kienetx korretta tghid li d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni ma japplikawx, u li ma setghetx tista' tiehu konjizzjoni taghha. Hu propju din il-Konvenzjoni li hu t-trattat, l-arrangjament, li jirregola kwistjonijiet ta' estradizzjoni bejn Malta w l-Italja. Ghalhekk kull Qorti Maltija li tapplika d-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, ghandha simultaneament tiehu konjizzjoni ta' dak it-trattat in forza ta' l-Ordni pubblikat bl-Avviz Legali 131 tal-1996.

Hu f'dan is-sens li t-tieni aggravju ta' l-appellanti hu milqugh, limitatament, izda, safejn jikkoncerna l-applikabilita' o meno tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni fis-sistema legali Malti ghall-kwistjonijiet ta' estradizzjoni bejn l-Italja w Malta.

**<u>Dwar it-tielet Aggarvju:</u>**

Hawnhekk l-appellanti qed tghid li gja' la darba fil-kaz in ezami tapplika l-Konvenzjoni Ewropea msemmija ( u sa hawnhekk din il-Qorti taqbel), allura, hi qatt ma setghet titregga' lura lejn l-Italja ghaliex il-kaz in kwistjoni ma jissodisfax l-Artikolu 2 ta' din il-Konvenzjoni. Dan l-Artikolu 2 jghid hekk testwalment:

> "*Extradition shall be granted in respect of offences punishable under the laws of the Requested Party and of the Requested Party by deprivation of liberty or under a detention order for a maximum period of at least one year, or by a more severe penalty….*'

Fil-fehma ta' l-appellanti, johrog car minn dan l-Artikolu li sabiex hi tista' titregga' lura lejn l-Italja biex twiegeb ghal xi reat kif hemm fit-tieni akkuza dedotta kontriha, dak ir-reat irid igorr mieghu piena ta' mill-anqas sena prigunerija, jew piena akbar, fil-pajjiz esteru li qed jitlob l-estradizzjoni taghha, kif ukoll li dak ir-reat, kemm il-darba dak hu wkoll reat taht il-ligijiet tal-pajjiz li qed jintalab ireggaghha lura, ghanu l-istess minimu ta' piena f'dan il-pajjiz, u, allura, ikun reat ta' estradizzjoni.

Issa skond l-appellanti, dan mhux il-kaz bejn l-Italja w Malta. Ir-reat li bhala fatti huwa simili ghal dak li l-appellanti qed tigi akkuzat bih fl-Italja, dak taht it-tieni akkuza, u li fil-konfront tieghu l-Qorti Rimandanti laqghet it-talba ghall-hrug ta' Ordni ta' Kustodja ghat-treggigh lura lejn l-Italja ta' l-appellanti, huwa dak kontemplat fl-Artikolu 32 ta' l-Att Dwar l-Immigrazzjoni, il-Kap. 217, li jgorr piena massima ta' sitt xhur prigunerija. L-appellanti tghid li gja' la darba din il-piena hija anqas mill-minimu stabbilit bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea, allura, dan l-Artikolu mhux sodisfatt u b'konsegwenza ta' hekk, ma tistghax tinhareg kontriha Ordni ta' Kustodja sabiex titregga' lura lejn l-Italja.

L-appellat Avukat Generali ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni ta' l-appellanti ghaliex, skond hu, kif jidher mit-tieni akkuza addebitata lilha mill-awtoritajiet Taljani, din l-akkuza kjarament tirreferi ghat-twettieq ta' reat kontinwat, u li, allura, f'tali kaz, ir-rekwizit ta' l-imsemmi Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar L-Estradizzjoni huwa milhuq ghal dak li jirrigwarda l-fattur tal-piena. L-appellat Avukat Generali jikkontendi li gja' la darba hawnhekk si tratta ta' reat kontinwat, allura, f'dan il-kaz ir-rekwizit tal-minimu tal-piena ta' sena prigunerija huwa sodisfatt.

Minn-naha ta' l-appellanti, l-argument taghha hu li fejn si tratta ta' estradizzjoni, reat ma jistghax jigi mizjud b'xi cirkostanzi sabiex jirrenduh aktar gravi u b'hekk soggett ghall-piena akbar minn dik normalment applikabbli ghal dak ir-reat originali. Din hi r-raguni, skond l-appellanti, li din tal-kontinwat ma tistghax tapplika fil-kaz in ezami.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ta' l-appellanti. Hu fatt li meta si tratta ta' reat kontinwat, dan ma jkunx kaz ta reat originali mizjuda mieghu cirkostanzi aggravanti, bhal, per ezempju, ir-reat ta' serq aggravant bil-hin, valur u/jew mezz, liema cirkostanzi aggravanti jirrenduh aktar gravi.

Meta si tratta ta' reat kontinwat, il-ligi penali taghna tibqa tikkunsidrah bhala reat wiehed u wahdu, "**a single offence**". Il-Professur Mamo hekk isejjahlu w qatt ma jiddeskrivih bhala xi reat akkompanjat b'cirkostanzi aggravanti. Kif tghid il-ligi, sabiex reat ikun wiehed kontinwat, jehtieg li jikkonkorru tlett rekwiziti, cioe', (**1**) diversi azzjonijiet li jivvjolaw l-istess disposizzjoni tal-ligi, (**2**) li gew maghmula f'okkazzjonijet differenti, u (3) li gew maghmulha dejjem bl-istess risoluzzjoni jew intenzjoni kriminuza biex tinkiser dik l-istess disposizzjoni tal-ligi.

Dan ifisser li anke jekk hemm azzjonijiet (actions u mhux acts) ripetuti li dejjem saru bl-istess hsieb kriminuz li tinkiser l-istess disposizzjoni tal-ligi, anke jekk dawk l-azzjonijiet saru fi zminijiet differenti, spazjati minn xulxin, mela hemm ghandek reat wiehed biss, dak kontinwat. Ghalhekk, dan mhux xi reat aggravat kif qed tikkontendi l-appellanti. Jibqa' dejjem reat wiehed, originali, izda kontinwat ghaliex ikunu gew sodisfatti l-imsemmija tlett rekwiziti. Ghal dik li hija l-piena, hu veru li l-ligi tghid li f'kaz ta' reat kontinwat, il-Qorti **tista**' zzid il-piena bi grad jew tnejn. Cioe' hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk f'dan il-kaz tapplikax il-piena kif normalment applikabli ghall-istess reat mhux kontinwat, jew tapplikax piena mizjuda bi grad jew tnejn. Minkejja din il-fakolta' jew diskrezzjoni, izda, xorta jibqa' l-fatt li r-reat kontinwat hu soggett, jew punibbli, (sottolinear tal-Qorti)

(‘punishable’ fit-test Ingliz) ghal dik il-piena mizjuda bi grad jew tnejn. Xorta jibqa’ l-fatt, mela, li dak ir-reat kontinwat igorr mieghu dik il-piena hekk mizjuda. U dan li huwa importanti f’kaz ta’ estradizzjoni, cioe’ ir-rekwizit li piena li xi reat hu soggett ghaliha jew punibbli biha, kemm fir-Requesting State kif ukoll fil-Requested State ghall-istess fatti kriminanti ma tkunx anqas minn sena prigunerija, jew piena akbar.

Fil-kaz in ezami, il-piena fl-Italja ghar-reat addebitat lill-appellanti fit-tieni akkuza certament taqbez il-minimu ta’ sena prigunerija. F’Malta, gja la darba l-allegati fatti juru reat simili ghar-reat indikat fl-Artikolu 32 tal-Kap.217, anke hawnhekk, allura, dan ir-rekwizit tal-minimu ta’ sena prigunerija ai termini ta’ l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni jkun sodisfatt ghaliex dak ir-reat kontinwat f’Malta, kif soggett ghall-zieda fil-piena bi grad jew tnejn, jilhaq l-iskop ta’ dan l-Artikolu. Ghalhekk it-tielet aggravju huwa michud.

<u>**Dwar ir-Raba Aggravju:**</u>

Ftit ghandha xi tghid din il-Qorti fuq dan l-aggravju, fejn l-appellanti qed tikkontesta l-valur probatorju tat-traskrizzjonijiet ta’ konversazzjonijiet li saru permezz tat-telefon.

Mill-korp tad-decizjoni appellata tal-Qorti Rimandanti jidher li dan il-punt tqajjem ukoll quddiemha mid-difiza. Jirrizulta li dik il-Qorti kkunsidrat dan il-punt izda ddecidiet ghall-kuntrarju ta’ dak li qed tghid l-appellanti (fol 83). Din il-Qorti taqbel pjenament ma’ dik il-Qorti, taghmel taghha r-ragunament u konkluzzjonijiet ta’ dik il-Qorti, u ghalhekk m’ghandhiex aktar xi tghid dwar dan il-punt. Barra minn hekk, din hi kwistjoni ta’ apprezzament tal-provi w din l-Qorti ma ssib ebda raguni jew motiv ghaliex ghandha tiddisturba dak li ghamlet il-Qorti Rimandanti f’dan ir-rigward. Dan ir-raba aggravju, ghalhekk, hu michud ukoll.

**<u>Dwar il-Hames Aggravju:</u>**

Anke hawnhekk, l-aggravju ta' l-appellanti hu purament kwistjoni ta' apprezzament tal-provi. Hi tikkontendi li l-Qorti Rimandanti qatt ma setghet tiddeciedi bil-mod kif iddecidiet fuq it-tieni akkuza ghaliex il-provi f'dan ir-rigward bl-ebda mod ma jistghu jwasslu ghall-konvinciment li hi kienet responsabbli ghall-fatti allegati f'din it-tieni akkuza, cioe' tad-dhul illegali tal-klandestini fl-Italja, precizament (a) f'Donnalucata (RG) fit-12 ta' Settembru, 2000, u (b) f'Marina di Ragusa fis-17 ta' Dicembru, 2000.

Hawnhekk il-Qorti thoss li qabel kollox ghandhom jigu kkjarati xi aspetti, u dan apparti jew irrespettivament mill-fatt li minn dak li qal l-Ispettur Giuseppe Magnani, Spettur tal-Pulizja f'Ragusa, li xehed f'dawn l-proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qorti Rimandanti fit-30 ta' April, 2001, jidher almenu fuq bazi ta' *prima facie*, li l-appellanti Fatiha Khallouf kienet involuta **wkoll** fid-dhul ta' immigranti klandestini f'Donnalucata fit-12 ta' Settembru, 2000, u f'Marina di Ragusa fis-17 ta' Dicembru, 2000 (a fol 151, et seq).

Il-funzjoni tal-Qorti Rimandanti mhiex dik li tkun konvinta mill-htija ta' l-appellanti, kif donnu qed tghid l-appellanti. Quddiem il-Qorti Rimandanti, kif ukoll quddiem din il-Qorti fis-smigh ta' appell in konnessjoni ma' proceduri ta' estradizzjoni, kif gja' intqal qabel, ma hemmx il-figura ta' persuna li tigi **<u>mputata jew akkuzata b'reat.</u>**

A skans ta' ripettizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza shiha ghal dak kollu li gja' qalghet qabel f'din id-decizjoni taghha meta kkunsidrat l-kwistjoni ta' l-ammessibilita' o meno bhala prova valida l-Awtorita' ghall-Procediment **Aggjuntiva** (Dok B) mahruga fit-12 ta' Awwissu, 2001, mill-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali, u tiddikjara li qed tapplika hawnhekk fil-kunsiderazzjoni

ta' dan il-hames aggravju ta' l-appellanti dak kollu li qalghet b'riferenza ghal dik li hija l-funzjoni u kompitu tal-Qrati Maltin f'proceduri ta' estradizzjoni.

Tenut kont ta' dak kollu li ntqal minn din il-Qorti precedentement, ghalhekk, hu car li l-appellanti hija zbaljata meta tghid li l-Qorti Rimandanti ma setghetx tilhaq dak il-konvinciment mehtieg biex issibha responsabbli taht it-tieni akkuza. Il-Qorti Rimandanti m'ghandhiex ghalfejn tasal li tikkonvinci ruha b'dan il-mod, dan ghaliex hi ma tiddeciedi xejn fuq il-fatti. Il-funzjoni tal-Qorti Rimandanti hi li ssir indagini minnha in bazi tal-provi li tressqu quddiemha, l-istess bhal ma taghmel Qorti Istruttorja, u dan biex tara jekk minn dawk il-provi jirrizultawx ragunijiet bizzejjed, fil-fehma taghha, biex il-persuna rikjesta titqieghed taht kustodja biex titregga' lura. U dan il-Qorti Rimandanti taghmlu jekk fuq bazi ta' *prima facie* hemm tali ragunijiet, jigifieri, jekk tara li hemm <u>probabilita' ta' htija</u> in bazi tal-provi li tkun gabret. Jekk il-Qorti Rimandanti waslet sa dak il-grad, sal-grad ta' l-hekk imsejjah *'prima facie'* , u din hi kwistjoni ta' apprezzament tal-provi li sar minn dik il-Qorti, jew anke jekk ikollha dubju f'dan ir-rigward, hi ghandha tibghat lill-persuna rikjesta ghall-estradizzjoni. Fi ftit kliem, il-Qorti Rimandanti ma tikkunsidrax il-preponderanza tal-provi bhal ma jaghmel min finalment ghandu jiggudika l-kaz, ma tuzurpax il-funzjoni tal-gudikand.

Ovvjament l-appellanti ma waqfetx hawn f'dan l-aggravju taghha. Hi tghid li qatt ma setghet tinstab responsabbli mill-Qorti Rimandanti ghad-dhul tal-klandestini f'Sqallija, precizament f'Donnalucata fit-12 ta' Settembru, 2000, u f'Marina di Ragusa fis-17 ta' Dicembru, 2000, dati msemmija fid-decizjoni appellata tal-Qorti Rimandati kif ukoll fl-Awtorizzazzjoni ghall-Procediment tal-Ministru ghall-Gustizzja u Gvern Lokali ta' l-20 ta' April, 2001, ghaliex dawn mhumiex l-istess dati indikati mill-awtoritajiet Taljani li fihom hi allegatament wettqghet ir-reat taht it-tieni akkuza.

**IKKUNSIDRAT:**

Hu minnu li mid-dokumentazzjoni mibghuta mill-awtoritajiet Taljani, ghal dak li jikkoncerna t-tieni akkuza li biha giet addebitat l-appellanti, hi tinsab soggetta ghall-investigazzjoni preliminari f'Ragusa dwar allegat dhul ta' klandestini f'Donnalucata (RG) fl-10 u l-14 ta' Novembru, 2000.

Hu minnu wkoll li d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tal-11 ta' Gunju, 2001, ma ssemmiex dawn iz-zewg dati ta' Novembru, 2000, bhala d-dati li fihom l-appellanti allegatament kienet responsabbli ghad-dhul tal-klandestini f'Donnalucata w f'Marina di Ragusa, izda ssemmi d-dati tat-12 ta' Settembru, 2000, u tas-17 ta' Dicembru, 2000, bhala d-dati li hi kienet hekk responsabbli, li huma l-istess dati indikati fl-iskeda "X" annessa ma' l-Awtorita' ghall-Procedimenti mahruga mill-Ministru tal-Gustizza w Gvern Lokali fl-20 ta' April, 2001.

Illi ghandu jigi rilevat, pero', li b'dana kollu, u fi kwalunkwe kaz, kif gja' gie accennat ftit qabel, mix-xhieda moghtija quddiem il-Qori Rimandanti fit-30 ta' April, 2001, mill-Ispettur Giuseppe Magnani, jidher, fuq bazi ta' *prima facie,* li l-appellanti kienet ukoll involuta fid-dhul tal-klandestini f'Donnalucata (RG) u f'Marina di Ragusa fit-12 ta' Settembru, 2000, u fis-17 ta' Dicembru, 2000, rispettivament.

Minkejja dan kollu, pero', il-Qorti terga' tosserva li din l-Awtorita' ghall-Procediment mahruga mill-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali, dik ta' l-20 ta' April, 2001, bla ebda mod ma ghandha titqies li hi xi forma ta' akkuza kontra l-appellanti.

Kif gja' inghad ftit qabel, fi proceduri ta' estradizzjoni bhal ma huma dawk kontra l-appellanti, ma hemmx il-figura ta' persuna imputata jew akkuzata, ma hemm ebda "criminal charge" kontra persuna li ghandha tigi deciza, persuna ma tingiebx quddiem il-Qorti Rimandanti jew quddiem din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali

biex tigi "gudikata" dwar xi reat. L-akkuza mressqa kontriha mhiex dik li tinstab f'dawn il-proceduri ta' estradizzjoni, izda hija u tibqa' dik mahruga mill-awtoritajiet Taljani, irrespettivament tad-dati indikati mill-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali fl-Awtorita' ghall-Prosediment. L-Awtorita' ghall-Procediment kull ma tghid hu li l-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali qed jaghti l-awtorita' tieghu sabiex jibdew il-proceduri ta' estradizzjoni skond id-dokumentazzjoni mibghuta mill-awtoritajiet Taljani; u anke jekk l-iskeda annessa ma' l-Awtorita' ghall-Procediment ta' l-20 ta' April, 2001, turi dati differenti, anke jekk ukoll dawn gew segwiti w adottati mill-Qorti Rimandanti fid-decizjoni appellata (liema fatt, wara kollox u bla ebda pregudizzju ghal dan li qed tghid il-Qorti, jista' jkun dovut biss ghall-zbal car u evidenti da parti ta' l-awtoritajiet Maltin), li hu importanti jew essenzjali hu li l-Qorti Rimandanti tara jekk sostanzjalment, in bazi tal-provi kollha fl-assjem taghhom, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, almenu fuq bazi ta' *'prima facie',* il-fatti jaghtux ragunijiet bizzejjed biex l-appellanti titpogga taht kustodja biex titregga' lura lejn l-Italja sabiex twiegeb ghall-akkuzi mahruga mill-awtoritajiet Taljani.

F'dan l-istadju tal-proceduri, meta xejn ma jigi gudikat b'mod definittiv dwar responsabilita' kriminali jew le, dwar htija jew le, mhux daqstant importanti din il-kwistjoni tad-dati. Li hu mportanti, mill-banda l-ohra, hu li l-Qorti Rimandanti (u anke din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali) tkun sodisfatta li sostanzjalment in bazi tal-provi li ngabru, hemm probabilita' ta' htija ghar-reat kontinwat addebitat lill-appellani.

Wara kolox, Fatiha Khallouf ma ghaddietx proceduri fuq il-meritu hawn Malta. Dawk, se mai, isiru f'Ragusa, u dan in bazi ta' l-akkuzi li hargu kontriha minn hemmhekk, u skond id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni. Barra minn dan, dawn il-proceduri gewwa Ragusa ghadhom biss fl-istadju ta' investigazzjoni preliminari w hu ghal dan l-iskop li qed tintalab l-estradizzjoni taghha lejn l-Itaja.

Huwa precizament f'dan l-isfond, u ghal dawn ir-ragunijiet, li din il-Qorti tirritjeni li f'dan l-istadju d-differenza fid-dati mhux xi fattur rilevanti. Din mhix xi kwistjoni ta' xi gudikat finali, izda ta' decizjoni mehudha fuq bazi ta' *'prima facie'* biss jekk l-appellanti ghandhiex titpogga taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura lejn ir-Requesting State jew le, li, wara kollox, minkejja d-decizjoni pozittiva tal-Qorti Rimandanti jew anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss, din tigi konfermata minn din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, tibqa' dejjem finalment fid-diskrezzjoni tal-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jekk johrogx dik l-Ordni ta' Treggigh lura jew le. Ghalhekk anke dan l-ahhar aggravju taghha huwa michud ukoll.

In vista ta' dan ntqal, jidher car, ghalhekk, li l-Qorti ma tat ebda importanza jew rilevanza ghall-Awtorita' ghall-Procediment **Aggjuntiva** tal-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali tat-21 ta' Awwissu, 2001, prezentata b'nota ta' l-Avukat Generali tat-22 ta' Awwissu, 2001 (Dok B). Dan id-dokument hu prova ammessibli, li pero', fic-cirkostanzi tal-kaz ma ttiehedtx in konsiderzzjoni minn din il-Qorti fid-deliberazzjoni taghha ta' dan l-appell fil-meritu.

Fl-ahhar nett, il-Qorti rat l-Artikolu 20 tal-Kap, 276, u ma tara ebda raguni ghaliex l-appellanti ghandha tigi mehlusa mill-kustodja minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi (a) (b) jew (c) ta' l-imsemmi Artikolu.

Ghar-ragunijiet kollha fuq esposti, filwaqt li l-aggravju kollha ta' l-appellanti huma respinti, bl-eccezzjoni tat-tieni aggaravju limitatament biss ghal dak li jirrigwarda l-applikabilita' tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni, din il-Qorti qed tichad l-appell taghha w tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti li tibghat lill-appellanti Fatiha Khallouf taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura lejn l-Italja limitatament biss fuq it-tieni akkuza dedotta kontriha.

Wara li rat l-Artikoli 16, 18 u 21 tal-Kap. 276, tipprefiggi terminu ta' hmistax (15) il-gurnata mil-lum sabiex l-appellanti Fatiha Khallouf tkun tista', jekk jidrilha li xi wahda mid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) u (2) ta' l-Artikolu 10 tal-Kap.276

giet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija , giet jew x'aktarx ser tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika ta' l-Ordni ta' Kustodja, tipprocedi ghal rimedju skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 46 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni. Fl-istess hin qed tgharraf lill-appellanti b'dana id-dritt li hi ghandha li tipprocedi skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll tinfurmaha li skond l-Artikolu 21 (2) (a) tal-Kap. 276, hi mhiex ser titregga' lura qabel ma jghaddu hmistax (15) il-jum mil-lum.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih mibghuta mir-Registratur lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur